MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2007

Numru. 37/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**Steve Attard ta' 25 sena bin Carmelo u Maria nee' Cutajar,**
**imwieled Victoria (Ghawdex) fl-10 ta' Awissu 1981 u residenti f'"Janeton", Triq il-Kuncizzjoni, Qala, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 20981(G)**

**u**

**Justin Emmanuel Frances Muscat ta' 26 sena, bin Joseph Peter Paul u Antonia Maria Giorgiana nee' Azzopardi,**

**imwieled Toronto, fis-26 ta' Frar 1981, residenti f'"Sabbu House", Triq il-Qala, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 280996(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija **STEVE ATTARD U JUSTIN EMMANUEL FRANCES MUSCAT** li gew akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, bejn u x-xhur ta' Settembru 2006 u Novembru 2006, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, minghajr awtorizzazzjoni, ghamlu *output* ta' xi *data, software* jew dokumentazzjoni ta' appogg mill-*computer* li kienu qeghdin jinzammu fih, sew billi dawn ittellghu bi xbieha jew b'kull mod iehor li jkun, u dan bi pregudizzju tal-principal taghhom Dhalia Estate Agency Limited;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni, ikopjaw *data, software* jew dokumentazzjoni ta' appogg ghal kull medjum ta' hzin li ma jkunx dak li soltu jinzamm fih jew ghal imkien differenti fil-medjum ta' hzin fejn soltu jinzamm, u dan bi pregudizzju tal-principal taghhom Dhalia Estate Agency Limited;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni, hadu pussess ta' xi *data, software* jew dokumentazzjoni ta' appogg jew ghamlu uzu minnhom, u dan bi pregudizzju tal-pricipal taghhom Dhalia Estate Agency Limited;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni, kixfu xi *data, software* jew dokumentazzjoni ta' appogg, liema kxif ta' data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg ma kinux mehtiega fil-qadi ta' dmirijiethom jew b'xi ligi ohra, u dan bi pregudizzju tal-principal taghhom Dhalia Estate Agency Limited;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, approprijaw ruhhom, billi dawru bi profitt ghalihom jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' hadu u zammew ghandhom informazzjoni kunfidenzjali u proprjeta' ohra ta' Dhalia Estate Agency Limited, liema informazzjoni kunfidenzjali u proprjeta' kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilhom minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni , kariga jew servizz taghhom;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi kixfu sigrieti li kienu gew fdati lilhom minhabba l-istat, professjoni jew kariga taghhom.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputati fi stadju bikri tal-proceduri;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputati il-Qorti ma tistax hlief issib lil-imputati hatja ta'l-akkuzi migjuba kontra taghhom;

Illi dwar piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputati ammettew fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, ghandhom fedina penali netta, ikkoperaw bi shih mal-Pulizija u anki ghamlu tajjeb ghad-danni kkagunati lill-parti leza tant illi l-parte civile lanqas xtaqet li jitkomplew dawn il-proceduri fil-konfront tal-imputati;

Ghaldaqsant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi wara li rat l-artikoli 337C(1)(b)(c)(f) u l-artikolu 337F (2)(3)(a), issib lill-imputati hatja u tikkundannahom ghal multa ta' tlett mitt lira maltin (Lm300) kull wiehed;

Il-Qorti qed tordna li kopja ta’ l-atti u tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------